# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Tnax (12) ta' April 2021**

**Rikors Numru 587/2020 FDP**

Fl-ismijiet

**Dowdall (Real Estate) Ltd.**

**Vs**

**Znoto Ltd.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 17 ta' Lulju 2020, li permezz tiegħu Steve Mercieca għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Dowdall (Real Estate) Ltd. talab is-segwenti:

    1. *Illi s-soċjeta' attriċi toffri servizzi relatati ma' dawk ta' aġenzija ta' bejgħ u kiri ta' proprjeta' ġewwa Malta u Għawdex tramite d-ditti tagħha magħrufin bħala "Quicklets" u "Zanzi Homes";*

    2. *Illi s-soċjeta' attriċi dejjem kienet fost l-aqwa fl-industrija sabiex tintegra t-teknoloġija mal-operat tal-aġenziji tal-proprjeta'. Fil-fatt it-tkabbir ta' dawn iż-żewġ ditti f'dawn l-aħħar snin huwa riflessjoni tal-investiment li sar mis-soċjeta' attriċi fil-qasam teknoloġiku;*

3. *Illi fil-bidu tas-sena 2016 is-soċjeta' attriċi ħadet deċiżjoni sabiex tkompli tinvesti f'dan il-qasam u fil-fatt bdiet diskussjonijiet mas-soċjeta' intimata fuq l-iżvilupp tal-back end tas-sit elettroniku tagħha;*

4. *Illi fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju 2017 ġie ffirmat kuntratt ta' appalt, magħruf bħala "Quotation #201705". L-appalt kien jistabbilixxi n-numru ta' xogħolijiet li s-soċjeta' intimata ġiet inkarigata sabiex tforni, l-kwalitajiet minimi tax-xogħolijiet pattwiti u miftiehma bejn il-partijiet kontendenti, kif ukoll iż-żmien li fih kellhom jitlestew dawn ix-xogħolijiet, fost affarijiet oħra, u dan versu l-prezz pattwit ta' tlieta u ħamsin elf Euro (€53,000), liema ftehim qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok A;*

5. *Illi minkejja ħafna wegħdiet da parti tas-soċjeta' intimata, li x-xogħolijiet ser jiġu fi tmiemom jum wara l-ieħor, ix-xogħolijiet ma ġewx finalizzati sa l-ewwel (1) ta' Frar 2018, hekk kif kien miftiehem, u għalhekk is-soċjeta' attriċi, sabiex jagħtu aċċess għad-database tagħhom b'mod konfidenzjali u sigur, insistiet li jiġi ffirmat kuntratt ta' appalt ieħor, magħruf bħala, "Software Supply Agreement", liema ftehim qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok B;*

6. *Illi inoltre, fl-Lulju 2018 is-soċjeta' attriċi inkarigat lis-soċjeta' intimata sabiex tagħmel xi xogħolijiet fuq il-front end tas-sit elettroniku tas-soċjeta' attriċi, hekk kif jirriżulta mill-fattura hawn annessa u mmarkata bħala Dok C.*

7. *Illi, matul il-perjodu tas-Software Supply Agreement, kien hemm diversi korrispondenza fuq skype bejn ir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi Steve Mercieca, u r-rappreżentant tas-soċjeta' intimata Mark Falzon, kif ser jiġi spjegat waqt is-smiegħ ta' din il-kawża;*

   *Peress li x-xogħol ma kienx qiegħed isir fil-ħin miftiehem u skond il-kwalitajiet indikati, is-sur Mark Falzon, kien ikkonferma li jekk ix-xogħol ma jsirx fil-ħin stipulat hu kien lest li jħallas il-flus kollha lura, hekk kif jirriżulta mid-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok D;*

8. *Illi wara l-iskadenza tat-terminu li fih kellhom jittwettqu x-xogħolijiet, u wara li saru diversi provi jew tests, kif speċifikat fil-kuntratt ta' appalt hawn fuq imsemmi, jirriżulta, li x-xogħolijiet ma sarux skond is-sengħa u l-arti u jmorru manifestament kontra dak li kien miftiehem, bil-konsegwenza li x-xogħolijiet li saru, fl-intier tagħhom, ma setgħux jintużaw mis-soċjeta' attriċi;*

9. *Illi is-soċjeta' attriċi għalhekk irrifjutat l-imsemmi xogħolijiet (software) u tterminat l-appalt permezz ta' email datata tmintax (18) ta' Marzu 2019 (vide Dok E), u dan skond kif jipprovdi l-artikolu 5.2 tal-ftehim magħruf bħala Software Supply Agreement;*

10. *Illi, sussegwentement, fl-għaxra (10) ta' April 2019 is-soċjeta' intimata għalqet l-aċċess diġitali li kellha s-soċjeta' attriċi għax-xogħolijiet li kienu saru sa dak iż-żmien, hekk kif jixhed id-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok F.*

11. *Illi tant li s-soċjeta' intimata ma kellhiex kapaċita tlesti x-xogħolijiet illi kellha tissubkuntratta parti sostanzjali mix-xogħolijiet - u dan bi ksur tal- appalt magħruf bħala ' Software Supply Agreement;*

12. *Illi, inoltre, jirriżulta li sabiex tieħu l-ingaġġ tal-appalt is-soċjeta' intimata għamlet rappreżentazzjonijiet foloz li mmanifestaw ruħhom anke fi ksur ulterjuri tal-kuntratt ta' appalt. Fost dawn ir-rappreżentazzjonijiet, id-diretturi tas-soċjeta' intimata taw l-impressjoni li huma kienu jaħdmu full-time mal-kumpanija u li s-soċjeta' intimata saħansitra kellha l-impjegati. Fil-fatt fi klawżola 9 tas-Software Supply Agreement, is-soċjeta' intimata obbligat ruħha li taħdem b'impjegati tagħha stess liema mpjegati kellhom ikollhom biżżejjed esperjenza sabiex iwettqu x-xogħolijiet.*

13. *Illi għalhekk jirriżulta li s-soċjeta' intimata kisret diversi kundizzjonijiet stipulati fil-kuntratt ta' appalt u naqset milli twettaq l-appalt fiż-żmien miftiehem, u l-eżekuzzjoni tal-imsemmi xogħolijiet li għamlet, la għamlitu skond is-sengħa u l-arti u lanqas skond il-ftehim;*

14. *Illi mill-bidu ta' l-appalt mogħti lis-soċjeta' intimata, is-soċjeta' attriċi ħallset is-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, tmien mija u disgħa u tmenin Euro (€44,889) rappreżentanti:*

    i. *Is-somma ta' tlieta u erbgħin elf, seba' mija u tmienja u sebgħin Euro (€43,778) bħala ħlas akkont tal-prezz miftiehem u indikat fil-ftehim magħruf bħala "Quotation #201705";*

    ii. *Is-somma ta' elf, mija u ħdax-il Euro (€1,111) bħala ħlas akkont tal-prezz miftiehem fuq xogħol ulterjuri fir-rigward tal-front end tas-sit elettroniku tas-soċjeta' attriċi;*

15. *Illi minħabba n-nuqqas da parti tas-soċjeta' intimata li teżegwixxi l-obbligi skond dak li ġie miftiehem, u n-nuqqas li tipprovdi l-garanziji minnha assunti, u partikolarment minħabba li s-software provdut ma kienx skond il-ftehim, is-sengħa u l-arti, u lanqas ma kien tajjeb skond l-ispeċifikazzjonijiet mifthiema bejn il-partijiet, is-soċjeta' attriċi sofriet danni inġenti kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

16. *Illi minkejja li s-soċjeta' attriċi talbet lis-soċjeta' intimata sabiex tirrimedja dawn in-nuqqasijiet, tirrifondi l-prezz mħallas lilha kif ukoll li tagħmel tajjeb għad-danni li s-soċjeta' attriċi soffriet, hi baqgħet*

*inadempjenti u evażiva, u naqset milli toffri rimedju attendibbli f'dan ir-rigward;*

17. *Illi r-rappreżentanti tas-soċjeta' attriċi jafu b'dawn il-fatti personalment;*

*Għaldaqstant in vista tas-surreferit u għar-raġunijiet premessi, is-soċjeta' attriċi umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa w opportuna, li:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi li l-appalt mogħti mis-soċjeta' attriċi Dowdall (Real Estate) Limited lis-soċjeta' intimata Znoto Limited kif hawn fuq imsemmi, ġie tterminat mis-soċjeta' attriċi b'tort tal-inadempjenza tal-istess soċjeta' intimata;*

2. *Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjeta' intimata Znoto Limited kisret diversi kondizzjonijiet indikati fil-kuntratt ta' appalt u li x-xogħolijiet li saru ma twettqux skond il-ftehim tal-partijiet u lanqas ma twettqu skond is-sengħa u l-arti;*

3. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata Znoto Limited tirrestitwixxi u tħallas lura s- somma ta' erbgħa u erbgħin elf, tmien mija u disgħa u tmenin Euro (€44,889) imħallsa mis-soċjeta' attriċi għat-twettiq tal-imsemmi appalt, kif hawn fuq spjegat, bl-imgħax legali mid-data li x-xogħolijiet imwettqa ġew miċħuda;*

4. *Tiddikjara li s-soċjeta' attriċi soffriet danni bħala konsegwenza tal-aġir minn naħa tas-soċjeta' intimata Znoto Limited, b'mod partikolari minħabba l-fatt illi x-xogħolijiet li saru ma kenux tal-kwalita' miftiehma, u f'kull każ li x-xogħolijiet eżegwiti minnha ma sarux skont is-sengħa u l-arti;*

5. *Tillikwida l-istess danni sofferti mis-soċjeta' attriċi, jekk ikun hemm bżonn bl-opera ta' perit jew periti nominandi;*

6. *Tikkundanna lill-istess soċjeta' intimata Znoto Limited sabiex tħallas lis-soċjeta' attriċi l-ammont ta' danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati, inkluż dawk ta' l-ittra uffiċjali numru 308/2019 u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju ppreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fit-2 ta' Settembru 2020 il-konvenuti Duncan Bonnici u Mark Falzon għan-nom u in rappreżentanza ta' Znoto Ltd. irrispondew għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

*1. Illi, din ir-risposta qed issir ai termini tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat tlieta u għoxrin (23) ta' Lulju 2020 wara rikors ġuramentat tas-soċjeta attriċi tas-sbatax (17) ta'Lulju, 2020.*

*2. Illi in linea preliminari qed tiġi eċċepita l-inkompetenza 'rationae loci' ta' din l-Onorabbli Qorti u għandha għalhekk tkun imħarrka fil-forum tagħha, ossia l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, ai termini ta' l-Artikolu 50 u l-Artikolu 741(c) tal-Kapitolu 12 Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u dan stante li s-soċjeta' intimata għanda s-sede prinċipali tagħha f'Għawdex, ossia 106, Triq Franġisk Saver Sciortino, Nadur (Għawdex) hekk kif jista' jiġi kkonfermat mal-Malta Business Registry, (ara Dok ZN 1), l-istess indirizz li fih ġiet notifikata b'din il-kawża.*

*3. Illi, mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preċedenti u dawk sussegwenti, kif ser jiġi ulterjorment pruvat waqt il-proċeduri ta' din il-kawża, kienet fil-fatt is-soċjeta' esponenti li ġarrbet danni riżultanti minn nuqqasijiet tas-soċjeta' attriċi u mill-ksur tal-kuntratt, imputabbli unikament lis-soċjeta' attriċi li fil-fatt kienet negliġenti, imperita u inadempjenti fl-obbligi tagħha u għaldaqstant is-soċjeta' esponenti qed tikkontesta t-talbiet kollha tas-soċjeta' attriċi, u kontestwalment qed tippreżenta talba rikonvenzjonali ma' din ir-risposta liema talba titlob, inter alia, li s-soċjeta' attriċi tħallas il-bilanċ dovut fuq ix-xogħol li sar mis-soċjeta' esponenti u a karigu ta' l-istess soċjeta' attriċi.*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, is-soċjeta' esponenti topponi għat-tielet, il-ħames u s-sitt talbiet attriċi, stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt hekk kif ser jiġi ulterjorment ppruvat waqt il-proċeduri ta' din il-kawża. F'dan ir-rigward din l-Onorabbli Qorti qiegħda tinġieb a konjizzjoni tal-klawsola tlieta ta' l-artiklu numru ħmistax tas-Software Supply Agreement, hawn anness u mmarkat bħala Dok ZN 2, li fiha nnifisha tistipula inter alia illi l-ebda parti ma tista' titlob, tramite proċeduri legali għal-danni sofferti, telf jew spejjeż, ammonti li jeċċedu dak li dik il-parti l-oħra tkun tħallset jew irċeviet b'riżultat ta' dan l-istess kuntratt.*

*5. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, is-soċjeta' esponenti topponi għat-tielet talba attriċi stante illi s-soċjeta' attriċi qatt ma ħallset l-ammont ta' erbgħa u erbgħin elf, tmien mija u disgħa u tmenin Euro (€44,889) lis-soċjeta' esponenti. L-unika fattura li ppreżentat is-soċjeta' attriċi mar-rikors promotorju fil-fatt turi biss li kien hemm talba għal ħlas permezz ta' fattura maħruġa mis-soċjeta' esponenti għall-ammont ta' tlett elef Euro (€3,000) VAT inkluż. Is-soċjeta' attriċi fil-fatt ma ppreżentat l-ebda prova li turi li sar ħlas minn naħa tagħha lis-soċjeta' esponenti;*

*6. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, is-soċjeta' esponenti topponi għal-ewwel, it-tieni, r-raba', ħames u sitt talbiet attriċi stante l-fatt illi mhux talli kienet inadempjenti u ma wettqitx ix-xogħol pattwit, sakemm is-soċjeta' attriċi ħallietha taħdem, iżda fil-fatt u kif ser jiġi ppruvat ulterjorment waqt is-smiegħ ta' din il-kawża, x-xogħolijiet li wettqet is-soċjeta' esponenti kienu jmorru oltre minn dak pattwit u stabbilit fil-Quotation #201705 datata 25 ta' Mejju 2017 u s-Software Supply Agreement datat 1 ta' Frar 2018, u sal-ġurnata ta' llum is-soċjeta' attriċi baqgħet inadampjenti anke wara li ġiet interpellata diversi drabi mis-soċjeta' esponenti sabiex tħallas il-bilanċ ta' sbatax il-elf u sebgħa mitt Euro (€17,700) dovut fuq ix-xogħol illi kien diġa' sar mis-soċjeta' esponenti u l-impjegati tagħha (ara Dok ZN 3 – Paynote request);*

*7. Illi f'paragrafu 10 tar-rikors promotur is-soċjeta' attriċi fil-fatt tagħmel akkuża gravi fil-konfront tas-soċjeta' esponenti, liema allegazzjoni hija msejsa fuq gideb u asserzjonijiet li mhumiex veritjieri. Is-soċjeta' esponenti kienet fil-fatt ingħatat aċċess għas-server tas-soċjeta' attriċi sabiex ix-xogħol isir b'mod remot u direttament fuq is-server tas-soċjeta' attriċi u għaldaqstant is-soċjeta' esponenti qatt ma kellha s-setgħa jew il-possibilita' fiżika sabiex 'tagħlaq l-aċċess diġitali li kellha s-soċjeta' attriċi għax-xogħolijiet li kienu saru dak iż-żmien'. Illi l-prova illi preżentat is-soċjeta' attriċi tirreferi għall-aċċess għall-backup li kienet iżżomm is-soċjeta' esponenti fir-repożitorju tagħha fuq is-sit Bitbucket li kien reġistrat minn Ognjen Kuljic, li kien wieħed mill-programmers li kien ingaġġat mis-soċjeta' esponenti. Dan il-backup kien jinżamm mis-soċjeta' esponenti sabiex f'każ illi jkun hemm problema bis-server tas-soċjeta' attriċi, ix-xogħol kollu li jkun sar mis-soċjeta' esponenti ma jintilifx;*

*8. Illi kienet is-soċjeta' attriċi li għalqet l-aċċess lis-soċjeta' esponenti għas-servers tagħha u stante dan is-soċjeta' esponenti ma setgħetx tkompli sabiex tikkonkludi x-xogħol li kien fadlilha tagħmel skond il-kuntratt pattwit. Permezz ta' risposta dettaljata mibgħuta fil-15 ta' April 2019 mir-rappreżentant tas-soċjeta' esponenti, Mark Falzon (ara. Dok ZN 4) huwa jispjega b'mod dettaljat ix-xogħol li kien fadal isir u li dan ix-xogħol ma setgħax isir mis-soċjeta' esponenti minħabba, inter alia, problemi attribwibbli unikament lis-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' Indjana ngaġġjata mill-istess soċjeta' attriċi li kienet għadha ma lestietx ix-xogħol li kienet imqabbda tagħmel fuq il-front end tas-sit elettroniku. Mark Falzon, direttur tas-soċjeta' esponenti, f'din l-email jinforma lis-soċjeta' attriċi illi s-soċjeta' esponenti kienet ilha sa minn Diċembru 2018 lesta sabiex tvara is-software li kienet għamlet għas-soċjeta' attriċi u li iżda minħabba problemi attribwibbli għat-'third party company' mqabbda mis-soċjeta' attriċi, ossia is-soċjeta' Indjana surreferita, is-soċjeta' esponenti ma setgħetx tikkonkludi x-xogħol tagħha;*

*9. Illi fl-istess email mibgħuta mis-soċjeta' esponenti fil-15 ta' April 2019, Mark Falzon jispjega wkoll illi s-soċjeta' esponenti tista' biss tlesti l-proġett kif miftiehem, bix-xogħolijiet kolla addizzjonali li kienet qabbdithom jagħmlu s-soċjeta' attriċi, jekk din ta' l-aħħar tissodisfa numru ta' kundizzjonijiet, fost dawn illi tħallas għax-xogħol żejjed kollu li kienet qabbdet lis-soċjeta' esponenti biex tagħmel, u terġa' tixgħel is-servers tagħha stess fejn is-sistema kienet installata, u terġa' tattiva sabiex is-soċjeta' esponenti tkun tista' tkompli bix-xogħol tagħha, ġialadarba it-'third party company' Indjana mqabbda mis-soċjeta' attriċi tkun għamlet ix-xogħol li kellha r-responsabbilta li tagħmel u li kien neċessarju sabiex is-soċjeta esponenti tkun tista' tlesti x-xogħol tagħha;*

*10. Illi s-soċjeta attriċi baqgħet qatt ma rrispondiet għall-email mibgħuta mis-soċjeta esponenti fil-15 ta' April 2019 fejn is-soċjeta' attriċi ġiet infurmata illi kellhom jerġgħu jinxtegħlu s-servers mis-soċjeta' attriċi sabiex terġa' tingħata aċċess is-soċjeta' esponenti u tkun tista' tkompli bix-xogħol tagħha;*

*11. Illi b'referenza għall-paragrafu 11 tar-rikors promotur fejn is-soċjeta' attriċi tagħmel allegazzjoni malafmanti u qarrieqa fil-konfront tas-soċjeta esponenti, jingħad illi tant is-soċjeta' esponenti kellha l-kapaċita' tlesti x-xogħol pattwit, illi nonstante l-fatt li x-xogħol qatt ma seta' jiġi konkluż u dan għal-raġunijiet attribwibbli unikament għas-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' Indjana ngaġġjata minnha stess, xorta waħda s-soċjeta' esponenti baqgħet tipprova tigwida lis-soċjeta' attriċi sabiex ikun jista' jiġi konkluż il-proġett, hekk kif evidenzjat fl-email tas-soċjeta' esponenti tal-15 ta' April 2019. Madankollu is-soċjeta' attriċi baqgħet inadempjenti u għażlet illi tikser u tittermina unilateralment is-Software Supply Agreement (ara Dok ZN 2);*

*12. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, paragrafu 10 tar-rikors promotur, fejn is-soċjeta' attriċi tallega illi s-soċjeta' esponenti għalqitilha l-aċċess għax-xogħolijiet li kienu saru sa dak iż-żmien, juri numru ta' fatti illi jikkontradixxu l-allegazzjonijiet inveritjieri li tagħmel l-istess soċjeta' attriċi fl-istess rikors. Primarjament permezz ta' din l-asserzjoni s-soċjeta attriċi qiegħda tammetti li s-soċjeta' esponenti kienet għamlet ammont ta' xogħol sostanzjali, liema xogħol s-soċjeta' attriċi jidher li xtaqet li jibqgħalha aċċess għalih, u dan mingħajr ma tagħti raġunijiet għalfejn xtaqet tali aċċess meta kienet is-soċjeta attriċi stess li unilateralment kisret il-kuntratt pattwit mas-soċjeta' esponenti u li naqset milli tikkolabora sabiex il-proġett jitwassal sat-terminu tiegħu, filwaqt li kienet l-istess soċjeta' attriċi li naqset milli tħallas lis-soċjeta esponenti għax-xogħol kollu li kienet wetrqet sa dak iż-żmien;*

*13. Illi għall-kuntrarju ta' l-allegazzjonijiet malafamanti, qarrieqa u nveritjieri illi qed tagħmel is-soċjeta' attriċi fil-konfront tas-soċjeta' esponenti, hija s-soċjeta' attriċi li kienet nieqsa mill-kapaċita u l-professjonalita, l-arti u s-sengħa, tant illi lanqas kienet kapaċi tipprovdi l-informazzjoni neċessarja sabiex is-soċjeta' esponenti tkun tista' tispiċċa x-xogħol li kienet imqabbda tagħmel. Kif ser jiġi ulterjorment pruvat waqt din il-kawża, dan joħroġ ċar minn numru ta' messaġġi u komunikazzjoni kemm permezz tal-email kif ukoll ta' Skype bejn il-partijiet fejn is-soċjeta' attriċi kienet dejjem tbiddel jew iżżid ma' l-inkarigu pattwit li kien ingħata lis-soċjeta' esponenti, u s-soċjeta' esponenti dejjem baqgħet tipprova tagħmel dak kollu possibli sabiex tissodisfa t-talbiet tas-soċjeta' attriċi, sa fejn dan kien possibli u raġjonevoli u nonostante l-fatt li b'riżultat ta' dan ma setgħetx tirrispetta t-terminu li kien maqbul oriġinarjament;*

*14. Illi, tant hu minnu illi s-soċjeta' attriċi kienet sodisfatta bix-xogħol li kien qed isir mis-soċjeta' esponenti illi wara li f'Mejju tal-2017 il-partijiet kienu iffirmaw il-Company Quotation (ara Dok ZN 5), sabiex tassigura u tistabilixxi relazzjoni aktar b'saħħitha mas-soċjeta' esponenti, is-soċjeta' attriċi iddeċidiet għal numru ta' drabi oħra li tagħti iktar xogħol lis-soċjeta' esponenti u dan kien jirrikjedi kuntratt (Software Supply Agreement) li jistabbilixxi aktar dettalji, kif ukoll, hekk kif inhu ammess mis-soċjeta' attriċi fir-rikors promotur paragrafu 6, u f'Lulju 2018 is-soċjeta' attriċi tat inkarigu ieħor lis-soċjeta' esponenti, din id-darba biex tagħmel xogħol fuq il-front end li din ta' l-aħħar qatt ma kienet ġiet ikkuntrattata sabiex tagħmel skond il-Company Quotation u l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet. Fil-fatt is-soċjeta' esponenti kienet intalbet mis-soċjeta' attriċi sabiex toħroġ Quotations separati għal dan ix-xogħol addizzjonali li kienet imqabbda tagħmel mis-soċjeta' attriċi, bl-aktar waħda reċenti tkun dik mibgħuta mis-soċjeta' esponenti fis-7 ta' Marzu 2019 (ara Dok ZN 6 u DOK ZN 7);*

*15. Illi is-Software and Supply Agreement datat 12 ta' Ġunju 2018 (ara Dok ZN 2) iffirmat mill-partijiet, fil-preamboli tiegħu jispeċifika illi:*

> *'C. The Parties, while acknowledging the Company has already designed and delivered a considerable part of the works agreed upon, would like to further regulate their commercial relationship and thus, in addition to the said Company Quotation, are agreeing to these present terms and conditions.*

*16. Illi l-estratt surreferit mis-Software and Supply Agreement jgħid illi 'The Company', ossia s-soċjeta' esponenti, diġa kienet iddisinjat u ssuplixxiet parti sostanzjali mix-xogħolijiet kuntrattati u li l-partijiet xtaqu jkompli jirregolarizzaw ir-relazzjoni kummerċjali tagħhom fuq ix-xogħolijiet li kien fadal xi jsiru mis-soċjeta' esponenti;*

*17. Illi huwa inkomprensibbli, surreali u totalment kontradittorju li s-soċjeta' attriċi qiegħda tallega illi x-xogħol imwiegħed mis-soċjeta' esponenti ma sarx meta kienet is-soċjeta' attriċi stess illi kienet talbet li jiġi ffirmat l-kuntratt tat-12 ta' Ġunju 2018 fejn din ta' l-aħħar kienet kompliet tgħaddi aktar xogħol lis-soċjeta' esponenti u fejn fl-istess kuntratt is-soċjeta' attriċi tgħid illi tagħraf u taċċetta illi l-parti l-kbira tax-xogħol li kellu jsir mis-soċjeta' esponenti, kif maqbul bejn il-partijiet, kien diġa' sar;*

*18. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, l-back end software tas-sit elettroniku tas-soċjeta' attriċi kien diġa' ġie approvat minnha stess u s-soċjeta' esponenti kienet qiegħda tistenna soċjeta' terza, li topera minn ġo l-Indja, ngaġġjata mis-soċjeta' attriċi stess, biex tlesti l-front end software sabiex il-back end u l-front end ikunu jistgħu jiġu ntegrati flimkien;*

*19. Illi anke wara illi kien għadda ż-żmien u s-soċjeta' esponenti rċeviet il-verżjoni finali tal-'front end graphics', element li huwa essenzjali stante l-fatt li dan huwa rekwiżit għall-ipprogrammar tal-API, dan xorta waħda kellu diversi difetti, żbalji u paġni nieqsa u dan wassal sabiex ikompli jittawwal il-proċess inutilment u għal-raġunijiet unikament attribwibbli lis-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' estera li kienet ingaġġjat hi stess;*

*20. Illi li kieku s-soċjeta' attriċi ma kenitx sodisfatta bix-xogħol illi kien diġa' sar mis-soċjeta' esponenti, u li kieku ma kienx tal-kwalita' pattwita, żgur illi s-soċjeta' attriċi ma kenitx ser tiffirma kuntratt mas-soċjeta' esponenti f'liema kuntratt fil-fatt kompla jiżdied ix-xogħol li ngħata lis-soċjeta' esponenti u żgur illi kieku kienet issir referenza għal dawna n-nuqqasijiet fl-istess kuntratt sabiex dawn jiġu rimedjati;*

*21. Illi s-software pprovdut lis-soċjeta` attriċi mis-soċjeta' esponenti kien kontinwament preżenti fuq is-servers tas-soċjeta' attriċi stess fejn kellhom aċċess għalih mingħajr ebda ostaklu. Tant hu hekk illi s-software baqa' għand is-soċjeta' attriċi li kellha kull opportunita tqabbad esperti tekniċi fl-informatika sabiex jevalwaw ix-xogħol li kien qiegħed isir sa mill-bidu nett ta' meta beda jsir ix-xogħol mis-soċjeta' esponenti, iżda dan qatt ma sar u tali rapport qatt ma ġie preżentat lis-soċjeta esponenti;*

*22. Illi b'referenza għall-paragrafu 12 tar-rikors promotur, kwalunkwe allegazzjoni li qed tipprova tagħmel is-soċjeta' attriċi fejn qed tallega li s-soċjeta' esponenti għamlet rappreżentazzjonijiet foloz, huma totalment inveritjieri u malafamanti. Il-persuni ngaġġjati mis-soċjeta' esponenti kienu diġa' magħrufa mis-soċjeta' attriċi qabel ma fil-fatt ġie iffirmat is-Software Supply Agreement u r-rapreżentanti tas-soċjeta' attriċi kienu f'komunikazzjoni kontinwa mad-developers tas-Soċjeta' esponenti. Is-soċjeta' attriċi fl-ebda mument ma esprimiet li kellha xi dubju dwar il-*

*kompetenza tan-nies ingaġġjati mis-soċjeta' esponenti u dan stante illi x-xogħol li kien qiegħed isir kien tal-livell pattwit;*

*23. Illi mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preċedenti u dawk sussegwenti, r-realta' turi illi kienet is-soċjeta' attriċi li sa mill-bidu nett kienet bdiet tikser dak pattwit u stipulat fil-kuntratt ta' bejn il-partijiet u dan hekk kif ser jiġi ppruvat ulterjorment f'din il-kawża;*

*24. Illi għalkemm skond il-Company Quotation (Dok ZN 5) sabiex jinbeda x-xogħol mis-soċjeta' esponenti, din kellha titħallas 35% tal-prezz pattwit, ossia tmintax il-elf, ħames mija u ħamsin Euro (€18,550), VAT mhux inkluż, l-ewwel pagament li sar mis-soċjeta' attriċi kien sar fit-28 ta' Awissu 2017 u dan kien għall-ammont ta' għaxart' elef, disgħa mija erbgħa u erbgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€10,944.50), VAT mhux inkluż, iġifieri s-soċjeta' esponenti sa dak iż-żmien u skond dak pattwit, ma kenitx tħallset l-ammont miftiehem sabiex tkun tista' tibda bix-xogħolijiet. Madankollu s-soċjeta' esponenti xorta waħda kienet bdiet tagħmel ix-xogħol maqbul.*

*25. Illi s-soċjeta' attriċi kompliet tikser l-arranġament pattwit u dan meta bdiet tirrikjedi mis-soċjeta' esponenti u r-rappreżentanti tagħha biex jagħmlu aktar xogħol minn dak li kien hemm qbil fuqu, mingħajr ma' tħallas tiegħu, tant hu hekk illi x-xogħol li sar mis-soċjeta' esponenti kien imur oltre minn dak pattwit, u tant illi s-soċjeta' attriċi għad għandha debitu ma' dik esponenti għal numru ta' siegħat ta' xogħol li għadhom ma tħallsux;*

*26. Illi fost ix-xogħol li sar mis-soċjeta' esponenti u li għadu ma tħallasx, kien hemm xogħolijiet ta' 'data migration', 'application program interface' (API) għal Android u Mac app, irtirar ta' propjeta' mis-sit u sistema sabiex jingħata aċċess lil diversi aġenti għall-istess propjetajiet u dan hekk kif dettaljat fil-Paynote Request mibgħuta lis-soċjeta' attriċi fil-15 ta' April 2019 għall-ammont ta' sbatax il-elf u sebgħa mitt Euro (€17,700) liema fattura għadha ma tħallsitx mis-soċjeta' attriċi;*

*27. Illi għal dawn ir-raġunijiet u għal-raġunijiet oħra kif ser jiġi ulterjorment ppruvat waqt il-proċeduri ta' din il-kawża, s-somma ta' erbgħa u erbgħin elf, tmien mija u disgħa u tmenin Euro (€44,889) mhijiex dovuta lis-soċjeta' attriċi u s-soċjeta' esponenti ma kkawżat l-ebda dannu lis-soċjeta' attriċi.*

*28. Illi t-talbiet tas-soċjeta' attriċi fil-konfront tas-soċjeta' esponenti, huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għaldaqstant għandhom jiġu kollha miċħuda bl-ispejjeż;*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi u b'riserva għall-imgħax dovut skont il-liġi.*

3. Rat il-kontro-talba datata 2 ta' Settembru 2020, li permezz tagħha, Duncan Bonnici u Mark Falzon għan-nom u in rappreżentanza ta' Znoto Ltd. talbu is-segwenti:

   1. *Illi s-soċjeta' esponenti qed tiprevalixxi ruħha mill-istanza attriċi u qed tippromwovi din it-talba rikonvenzjonali tagħha sabiex tikkawtela l-interessi tagħha;*

   2. *Illi s-soċjeta esponenti topera mis-sede tagħha f'Għawdex minn fejn toffri servizzi ta' software development u tailor made software solutions, ossia pjattaformi diġitali magħmulin speċifikament skond il-bżonnijiet tal-klijenti tagħhom;*

   3. *Illi matul is-snin li ilha topera, s-soċjeta' esponenti minn dejjem kellha reputazzjoni tajba ħafna u pprovdiet is-servizzi tagħha lill-intrapriżi stabbiliti inkluż Aviaserve Limited (C 31426) u anke soċjetajiet oħra li joffru servizzi simili bħal dawk illi toffri s-soċjeta' attriċi rikonvenuta, inkluż Elzan Properties Limited (C 86669), liema soċjetajiet għadhom joperaw is-sistemi online u l-pjattaformi diġitali, li kkostruwiet speċifikament għalihom, is-soċjeta' esponenti;*

   4. *Illi stante r-reputazzjoni tajba tas-soċjeta' esponenti, fil-bidu tal-2016 is-soċjeta' attriċi rikonvenuta talbet quote lis-soċjeta' esponenti sabiex tibnilha l-back end ta' pjattaforma diġitali ġdida li tkun iktar addatata għall-bżonnijiet tagħha;*

   5. *Illi fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju 2017 ġiet iffirmata "Quotation no. 201705" (ara Dok ZN 5) bejn il-partijiet, liema quotation kellha sservi wkoll bħala qbil bejn il-partijiet, sabiex is-soċjeta' esponenti toffri s-servizz maqbul, lis-soċjeta' attriċi rikonvenuta għall-prezz stabbilit u kif maqbul bejn il-partijiet, kif ukoll it-termini ta' kif kellhom isiru l-pagamenti lis-soċjeta' esponenti;*

   6. *Illi skond dak pattwit bejn il-partijiet, sabiex is-soċjeta' esponenti tieħu l-inkarigu stabbilit u tkun tista' tibda toffri s-servizzi tagħha, s-soċjeta' attriċi rikonvenuta kellha tħallas ħamsa u tletin (35) fil-mija tal-prezz globali ta' tlieta u ħamsin elf Euro (€53,000) (VAT eskluż), ossia tmintax il-elf, ħames mija u ħamsin Euro (€18,550) (VAT eskluż);*

   7. *Illi l-ewwel pagament li sar mis-soċjeta' attriċi kien sar fit-28 ta' Awissu 2017 u dan kien għall-ammont ta' għaxart' elef, disgħa mija erbgħa u erbgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€10,944.50), VAT mhux inkluż, iġifieri s-soċjeta' esponenti sa mill-bidu nert kissret l-*

*arranġament pattwit u l-kundizzjonijiet maqbula, stante illi l-ewwel pagament kellu jkun ta' tmintax il-elf, ħames mija u ħamsin Euro (€ 18,550) (VAT eskluż) u mhux ta' għaxart' elef, disgħa mija erbgħa u erbgħin Euro u ħamsin ċenteżmu (€10,944.50);*

8. *Illi stante illi sa dak iż-żmien, u skond dak pattwit, is-soċjeta' esponenti kellha kull dritt tagħżel bejn li jew twaqqaf il-kuntratt u tfittex lis-soċjeta' rikonvenuta għad-danni, jew inkella tistenna sakemm id-depożitu kollu dovut mis-soċjeta' attriċi rikonvenuta jitħallas sabiex għalhekk imbagħad is-soċjeta' esponenti tkun tista' tibda tagħmel ix-xogħolijiet pattwiti. Madankollu s-soċjeta' esponenti xorta waħda kienet bdiet tagħmel ix-xogħol maqbul u dan sabiex takkomoda lis-soċjeta' attriċi rikonvenuta;*

9. *Illi meta s-soċjeta' esponenti kienet lestiet parti sostanzjali mix-xogħolijiet li kellha tagħmel, sabiex tassigura u tistabbilixxi relazzjoni aktar b'saħħitha mas-soċjeta' esponenti, is-soċjeta' attriċi rikonvenuta iddeċidiet, għal numru ta' drabi oħra, li tagħti iktar xogħol lis-soċjeta' esponenti u dan kien jirrikjedi kuntratt (Software Supply Agreement hawn anness u mmarkat Dok ZN 2) li jistabbilixxi aktar dettalji, kif ukoll, f'Lulju 2018 is-soċjeta' attriċi rikonvenuta tat inkarigu ieħor lis-soċjeta' esponenti, din id-darba biex tagħmel xogħol fuq il-front end li din ta' l-aħħar qatt ma kienet ġiet ikkuntrattata sabiex tagħmel skond il-Company Quotation u l-kuntratt iffirmat bejn il-partijiet. Fil-fatt is-soċjeta' esponenti kienet intalbet mis-soċjeta' attriċi rikonvenuta sabiex toħroġ Quotations separati għal dan ix-xogħol addizzjonali li kienet imqabbda tagħmel, bl-aktar waħda reċenti tkun dik mibgħuta mis-soċjeta' esponenti fis-7 ta' Marzu 2019 (ara Dok ZN 6 u DOK ZN 7 );*

10. *Illi is-Software and Supply Agreement datat 12 ta' Ġunju 2018 (ara Dok ZN 2) iffirmat mill-partijiet, fil-preamboli tiegħu jispeċifika illi:*

> *'C. The Parties, while acknowledging the Company has already designed and delivered a considerable part of the works agreed upon, would like to further regulate their commercial relationship and thus, in addition to the said Company Quotation, are agreeing to these present terms and conditions.*

11. *Illi sabiex tkompli iżżid max-xogħolijiet maqbula, is-soċjeta' esponenti kienet infurmat lis-soċjeta' attriċi rikonvenuta illi kellu jsir ħlas separat li jmur oltre mill-prezz oriġinali maqbul fil-Company Quotation "Quotation no. 201705" (ara Dok ZN 5) u li t-terminu li kien maqbul fl-istess Company Quotation ma setgħax jinżamm, kemm għax is-soċjeta' rikonvenuta kienet ħallset id-depożitu xhur wara li kien ġie ffirmat il-qbil, kif ukoll stante l-fatt li din kienet qed iżżid*

*ħafna iktar xogħol minn dak li kien pattwit. Tant hu hekk illi l-partijiet qablu li klawsola numru 12 "Late Completion" tas-Software and Supply Agreement datat 12 ta' Ġunju 2018 kellha titneħħa u dan stante li ma setgħetx tiġi stabbilita data meta x-xogħol kellu jitlesta u għaldaqstant ma kellhomx jiddaħħlu klawsoli li jirregolaw sitwazzjoni fejn is-soċjeta' esponenti tipprovdi s-software fi żmien speċifikat, dan anke stante l-fatt li kien hemm soċjeta' estera mill-Indja ngaġġjata mis-soċjeta' attriċi rikonvenuta li s-soċjeta' esponenti ma kellhiex kontroll fuqha u meta kellha tlesti x-xogħol tal-front end li kienet imqabbda biex tlesti;*

12. *Illi s-Software and Supply Agreement kien ukoll ġie maqbul bejn il-partijiet sabiex is-soċjeta' esponenti tkun tista' toffri 'Support Services' lis-soċjeta' attriċi rikonvenuta anke wara li jispicca l-inkarigu oriġinali miftiehem mas-soċjeta esponenti u dan għal tariffa li kellha titħallas mis-soċjeta' attriċi rikonvenuta għal kull siegħa ta' servizz pprovdut mis-soċjeta' esponenti;*

13. *Illi għaldaqstant ix-xogħolijiet li wettqet is-soċjeta' esponenti kienu jmorru oltre minn dak pattwit u stabbilit fil Quotation #201705 datata 25 ta' Mejju 2017 u s-Software and Supply Agreement datat 1 ta' Frar 2018, u sal-ġurnata ta' llum fadal bilanċi pendenti u s-soċjeta' attriċi rikonvenuta baqgħet inadampjenti anke wara li ġiet interpellata diversi drabi mis-soċjeta' esponenti sabiex tħallas il-bilanċ ta' sbatax il-elf u sebgħa mitt Euro (€17,700) dovut fuq ix-xogħol illi kien diġa' sar mis-soċjeta' esponenti u l-impjegati tagħha (ara Dok ZN 3 – Paynote request);*

14. *Illi wara li s-soċjeta' Indjana ingaġġjata mis-soċjeta' rikonvenuta sabiex tagħmel ix-xogħol fuq il-front end tas-sit diġitali baqgħet ma pprovdietx dak li kellha twettaq sabiex dan ikun jista' jikkumplimenta u jiġi integrat max-xogħol tal-back end li kienet inkarigata tagħmel is-soċjeta' esponenti, is-soċjeta' attriċi rikonvenuta bagħtet email lis-soċjeta' esponenti fejn infurmata li kienet qiegħda twaqqaf il-kuntratt ta' bejniethom, u dan bi ksur flagranti tas-Software and Supply Agreement li jispeċifika kif jista' jiġi terminat il-kuntratt;*

15. *Illi malli s-soċjeta' attriċi rikonvenuta iddeċidiet unilateralment li tikser il-kuntratt bejn il-partijiet, hija għalqet l-aċċess tas-servers tagħha, fejn kien hemm ix-xogħol kollu, lis-soċjeta esponenti u stante dan is-soċjeta esponenti ma setgħetx tkompli sabiex tikkonkludi ix-xogħol li kien fadlilha tagħmel skond il-kuntratt pattwit;*

16. *Illi permezz ta' risposta dettaljata mibgħuta fil-15 ta' April 2019 mir-rappreżentant tas-soċjeta' esponenti, Mark Falzon (ara. Dok ZN 4) huwa jispjega b'mod dettaljat ix-xogħol li kien fadal isir u li dan ix-*

*xogħol ma setgħax isir mis-soċjeta' esponenti minħabba, inter alia, problemi attribwibbli unikament lis-soċjeta rikonvenuta u s-soċjeta' Indjana ngaġġjata minnha li kienet għadha ma lestietx ix-xogħol li kienet imqabbda tagħmel fuq il-front end tas-sit elettroniku. Mark Falzon, direttur tas-soċjeta' esponenti, f'din l-email jinforma lis-soċjeta' attriċi rikonvenuta illi s-soċjeta' esponenti kienet ilha sa minn Diċembru 2018 lesta sabiex tvara s-software li kienet għamlet għas-soċjeta' attriċi rikonvenuta u li minħabba problemi attribwibbli għat-'third party company' mqabbda mis-soċjeta' attriċi rikonvenuta, ossia is-soċjeta' Indjana surreferita, is-soċjeta' esponenti ma setgħetx tikkonkludi x-xogħol tagħha;*

17. *Illi fl-istess email mibgħuta mis-soċjeta' esponenti fil-15 ta' April 2019, Mark Falzon jispjega wkoll illi s-soċjeta' esponenti tista' biss tlesti l-proġett kif miftiehem, bix-xogħolijiet kollha addizzjonali li kienet qabbdithom jagħmlu s-soċjeta' attriċi rikonvenuta, jekk din ta' l-aħħar tissodisfa numru ta' kundizzjonijiet, fost dawn illi tħallas għax-xogħol żejjed kollu li kienet qabbdet lis-soċjeta' esponenti biex tagħmel, u terġa' tixgħel is-servers tagħha stess fejn is-sistema kienet installata, u terġa' tattivaha sabiex is-soċjeta' esponenti tkun tista' tkompli bix-xogħol tagħha, ġialadarba t-'third party company' Indjana mqabbda mis-soċjeta' rikonvenuta tkun għamlet ix-xogħol li kellha r-responsabbilta' li tagħmel u li kien neċessarju sabiex is-soċjeta' esponenti tkun tista' tlesti x-xogħol tagħha;*

18. *Illi s-soċjeta' attriċi baqgħet qatt ma rrispondiet għall-email mibgħuta mis-soċjeta' esponenti fil-15 ta' April 2019 fejn is-soċjeta' rikonvenuta ġiet infurmata illi kellha terġa' tixgħel is-servers tagħha u dan sabiex jerġa' jingħata aċċess is-soċjeta' esponenti u tkun tista' tikkonkludi x-xogħol tagħha;*

19. *Illi għalhekk kellha ssir din it-talba rikonvenzjonali;*

20. *Illi r-rappreżentanti tas-soċjeta' esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment;*

*Tgħid għalhekk is-soċjeta' attriċi rikonvenuta għalfejn din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

*1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-appalt mogħti mis-soċjeta' attriċi rikonvenuta Dowdall (Real Estate) Limited lis-soċjeta' esponenti Znoto Limited kif hawn fuq imsemmi, ġie tterminat unilateralment mis-soċjeta' attriċi rikonvenuta u dan bi ksur flagranti tat-termini tal-kuntratt ta' bejn il-partijiet u b'mod speċifiku tal-artikolu dsatax (19) tal-istess kuntratt – Software and Supply Agreement;*

*2. Tiddikjara illi s-soċjeta' esponenti twaqqfet milli tissodisfa l-obbligi tagħha mis-soċjeta' attriċi rikonvenuta u dan meta tfiet is-servers tagħha stess u waqqfet l-aċċess lis-soċjeta' esponenti sabiex din ma tkunx tista' tkompli x-xogħol pattwit;*

*3. Tiddikjara illi b'tort tal-inadempjenza tas-soċjeta' attriċi rikonvenuta, tal-impjegati u rappreżentanti tagħha u tas-soċjeta' estera li qabbdet is-soċjeta' attriċi rikonvenuta stess, is-soċjeta' esponenti kienet prekluża milli twassal l-inkarigu tagħha sat-tmiem tiegħu;*

*4. Tiddikjara u tiddeċiedi li s-soċjeta' attriċi rikonvenuta hija unikament responsabbli għall-ksur ta' diversi kundizzjonijiet indikati fil-kuntratt ta' appalt u li l-ħlasijiet li kellhom isiru lis-soċjeta' esponenti ma sarux u/jew ma sarux skond it-termini miftehmin bejn il-partijiet;*

*5. Tikkundana lis-soċjeta' attriċi rikonvenuta tħallas il-bilanċ dovut fuq il-prezz globali ta' tlieta u ħamsin elf Euro (€53,000) (VAT eskluż) li għadha ma ħallsitx u dan bi ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-qbil bejn il-partijiet, kif ukoll tħallas il-bilanċ dovut għax-xogħolijiet żejda li jmorru oltre minn dak pattwit fil-kuntratt t'appalt u li saru mis-soċjeta' esponenti fuq inkarigu tas-soċjeta' attriċi rikonvenuta, inkluż il-bilanċ indikat fil-paynote request datat 15 ta' April 2019 (Dok ZN 3) għall-ammont ta' sbatax il-elf u sebgħa mitt Euro (€17,700), bl-imgħax legali sa mid-data ta' meta kellhom isiru tali pagamenti;*

*6. Tiddikjara illi b'konsegwenza ta' l-aġir tas-soċjeta' attriċi rikonvenuta, is-soċjeta' esponenti soffriet danni, b'mod partikolari minħabba l-fatt li tterminat il-kuntratt ta' bejn il-partijiet bi ksur ta' numru ta' klawsoli stipulati u maqbula bejn il-partijiet;*

*7. Tillikwida l-istess danni sofferti mis-soċjeta' esponenti, jekk ikun hemm il-bżonn permezz ta' perit jew periti nominandi;*

*8. Tikkundanna lill-istess soċjeta' attriċi rikonvenuta sabiex tħallas lis-soċjeta' esponenti l-ammont ta' danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi rikonvenuta li qed tiġi minn issa nġunta għas-subizzjoni.*

4. Rat ir-risposta ta' Steve Mercieca għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta' Dowdall (Real Estate) Ltd. fejn irrisponda għall-kontro talba billi:

*Illi il-kontro talba mressqa mis-soċjeta' rikonvenzjonanti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti:*

*1. Illi l-appalt ġie tterminat għal raġunijiet validi u permessibli kemm fil-ligi kif ukoll ai termini tal-kuntratt ta' appalt magħruf bħala Software Supply Agreement, kif ser jiġi elaborat f'dan il-paragrafu u waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors:*

*i. Illi għall-kuntrarju ta' dak indikat f'paragrafu numru sittax (16) tal-kontro talba, s-soċjeta' rikonvenzjonanti kellha terminu ta' sitta u tletin (36) ġimgħa sabiex tlesti s-software mertu ta' dawn il-proċeduri, hekk kif stipulat b'mod ċar u inekwivoku fi klawżoli 1 u 2.1.3 tas-Software Supply Agreement. Huwa inkonċepibbli kif is-soċjeta' rikonvenzjonanti qiegħda tgħid li ma kien hemm l-ebda terminu ta' żmien stipulat għall-iffinalizzar tal-appalt, meta kien d-direttur tar-rikonvenzjonanti, Mark Falzon stess li qal, "if we do not deliver on those days we give you the money back." (Vide "Dok D" tar-rikors promotur). Il-klawżola numru 12 tas-Software Supply Agreement, tneħħiet propju għaliex is-soċjeta' rikonvenzjonanti irrifjutat li taċċetta penali għal Late Completion tax-xogħolijiet – fatt li jindika li fil-mument tal-eżekuzzjoni tas-Software Supply Agreement is-soċjeta' rikonvenzjonanti kienet ben konsapevoli li x-xogħol ma kienx ser jitlesta fit-terminu pattwit bejn il-partijiet kontendenti;*

*ii. Illi lanqas hu minnu li s-soċjeta' rikonvenzjonanti ma setgħetx tlesti x-xogħol minħabba nuqqasijiet tas-soċjeta' rikonvenzjonata, jew persuni inkarigati minnha, sabiex jaħdmu fuq il-front end tas-sit elettroniku. Huwa minnu li kienu qegħdin jsiru xi emendi fil-front end, mandankollu s-software l-ġdid xorta seta' jitlesta fit-totalita' tiegħu mingħajr l-użu tal-front end tas-sit elettroniku. Kif ser joħroġ ċar fil-mori ta' dan ir-rikors is-soċjeta' rikonvenzjonanti naqset milli twettaq ix-xogħolijet skond il-ftehim pattwit u qiegħda tinqeda' bil-kontro-talba merament sabiex ġġib numru ta' skużi għad-dewmien fl-eżekuzzjoni tal-appalt mertu ta' din il-kawża.*

*iii. Illi, inoltre, is-soċjeta' rikonvenzjonanti, kif ammess minnha stess f'paragrafu 7 tar-risposta ġuramentata inkarigat terzi persuni sabiex jaħdmu fuq l-appalt miftiehem u dan bi ksur tal-klawżola 26(1) tas-Software Supply Agreement li jistpula li, "The Company shall not be entitled to sub-contract the whole or any part of its obligations hereunder without the prior written consent of the Customer." Fatt ieħor li jkompli jissustanzja t-teżi tas-soċjeta' rikonvenzjonata lis-soċjeta' rikonvenzjonanti ħadet ingaġġament li ma kinetx kapaċi tforni – u b'hekk indikazzjoni ċara oħra li qarrqet bis-soċjeta' rikonvenzjonanti sabiex tinfluwenzaha biex tikkonkludi l-ftehim ta' appalt;*

iv. *Illi, inoltre, kif ser jirriżulta aħjar fil-mori ta' din il-kawża, is-soċjeta' rikonvenzjonanti kissret ukoll il-klawżoli 14.1.1 u 14.1.3 tas-Software Supply Agreement u dan peress li software żviluppat ma kienx tal-kwalita' u kapaċita' miftiehem bejn il-partijiet kontendenti u kif ġie garantit permezz tal-kuntratt tas-Software Supply Agrement li sar bejn il-partijiet.*

v. *Illi, b'konsegwenza ta' dawn in-nuqqasijiet, is-soċjeta' rikonvenzjonata bagħtet email fit-tmitnax (18) ta' Marzu 2019 (vide "Dok G") fejn irrifjutat is-software ai termini ta' klawżola 5.2 tas-Software Supply Agreement. Sussegwentement, fl-għaxra (10) ta' April 2019 (vide "Dok H"), is-soċjeta' rikovenzjonata bagħtet email oħra fejn tat l-opportunita' lis-soċjeta' rikonvenzjonanti sabiex tirrimedja n-nuqqasijiet tagħha fi żmien erbgħatax-il (14) jum, u dan ai termini ta' klawżola 19 tas-Software Supply Agreement. Is-soċjeta' rikonvenzjonanti wieġbet fil-ħmistax (15) ta' April fejn talbet li titħallas is-somma ta' sbatax-il elf u seba' mitt euro (€17,700), fost talbiet oħra, qabel ma tkun tista' tforni s-software li ġiet inkarigata sabiex tikkrea, meta l-obbligu tagħha kien li tagħmel dan mingħajr dritt għall-ħlas (speċifikament 'free of charge') ai termini ta' klawżola 5.3 tas-Software Supply Agreement u kien proprju għalhekk li l-appalt ġie tterminat. Inoltre, is-soċjeta' rikonvenzjonanti għażlet li ma tweġibx l-ittra uffiċjali mibgħuta mis-soċjeta' rikonvenzjonata u nnotifikata lilha fit-tletin (30) ta' Awwissu tas-sena elfejn u dsatax (2019) sabiex dawn il-proċeduri jiġu evitati u huwa biss meta ġew intavolati l-proċeduri mis-soċjeta' rikonvenzjonata li s-soċjeta' rikonvenzjonanti bdiet tasserti l-pretensjonijiet u l-eċċezzjonijiet frivoli u vessatorji tagħha, hawn msemmija.*

*2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, m'huwiex minnu li s-software żviluppat qiegħed fil-pussess tas-soċjeta' rikonvenzjonata jew li l-prodott ma ġiex finalizzat minħabba xi nuqqasijiet da parti tas-soċjeta' rikonvenzjonata. Tajjeb li jingħad li fundamentalment din il-kawża hija imsejjsa fuq kuntratt ta' appalt li permezz tiegħu s-soċjeta' rikonvenzjonata inkarigat lis-soċjeta' rikonvenzjonanti sabiex tizviluppa software għas-sit elettroniku ezistenti tagħha. Illi fil-kontro talba s-soċjeta' rikonvenzjonanti - kif ukoll fil-korrispondenza li ġiet skambjata bejn il-partijiet kontendenti - l-istess soċjeta' rikonvenzjonanti tindika li s-soċjeta' rikonvenzjonata kellha xi obbligazzjonijiet xi twettaq, iżda madankollu, hi tonqos milli tindika minn fejn dawn l-obbligi allegati minnha jirriżultaw. Fil-fatt l-uniku obbligu pattwit li kellha s-soċjeta' rikonvenzjonata kien dak li tħallas lis-soċjeta' rikonvenzjonanti ai termini tal-klawżola 7 tas-Software Supply Agreement. M'huwiex minnu, per eżempju, li s-soċjeta' rikonvenzjonata kellha xi obbligu tinkariga terzi persuni sabiex jiżviluppaw il-front end tas-sit elettroniku sabiex is-*

*software jkun jista' jiġi fornit fil-ħin stabbilit u pattwit. Li kieku s-soċjeta' rikonvenzjonanti pprevediet xi impediment potenzjali minn naħa tas-soċjeta' rikonvenzjonata sabiex tforni s-software żviluppat, hekk kif qed jiġi allegat minnha, dan kellu jiġi rifless fil-ftehim konkluż bejn il-partijiet kontendenti, fin-nuqqas, li kieku dak li qed jiġi allegat minnha huwa fattwalment korrett, ma kienx imissha qablet mat-termini tas-Software Supply Agreement li ċarament jindika li l-istess software kellu jiġi fornit lis-soċjeta' rikonvenzjonata skond l-ispeċifikazzjonijiet tal-Company Quotation u fiż-żmien stipulat u pattwit, u mingħajr ebda referenza għall-front end jew għal xi obbligi imposti fuq is-soċjeta' rikonvenzjonata.*

*3. Illi, inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost, s-soċjeta' rikonvenzjonata ħallset is-somma ta' tlieta u erbgħin elf, seba' mija u tmienja u sebgħin euro (€43,778) hekk kif maqbul bejn il-partijiet ai termini tas-Software Supply Agreement. Il-bilanċ ta' tletin fil-mija (30%) u ċioe' ta' ħmistax-il elf u disa' mitt euro (€15,900), eskluż VAT, kellu jitħallas hekk kif jitlesta ix-xogħol mis-soċjeta' rikonvenzjonanti (speċifikament, "when job is complete") u dan kif stabbilit espressament fil-Company Quotation. Illi peress li s-software, jew il-code tiegħu, qatt ma ġew forniti, jew ma ġewx forniti skond kif kien miftiehem lis-soċjeta' rikonvenzjonata bi ksur tal-appalt in kwistjoni, l-imsemmi bilanċ imsemmi m'huwiex dovut;*

*4. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, lanqas ma huwa dovut l-ammont ta' sbatax il-elf u seba' mitt euro (€17,700) hekk kif qed jiġi mitlub mis-soċjeta' rikonvenzjonata u dan peress li x-xogħolijiet indikati kienu nklużi fil u koperti mis-Software Supply Agreement, kif elaborat iktar 'il fuq u inoltre' l-istess xogħolijiet ma kinux tal-kwalita pattwita u miftiehma bejn il-partijiet kontendenti;*

*5. Illi inoltre, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-kontro talba hija waħda frivola u vessatorja u hija intiża biss sabiex is-soċjeta' rikonvenzjonanti tiżvinkola ruħha mill-obbligi kuntrattwali tagħha mas-soċjeta' rikonvenzjonata;*

*6. Salv kull eċċezzjoni oħra permessa mil-liġi.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' rikonvenzjonanti.*

5. Rat illi fit-12 ta' Jannar 2021, fuq talba tas-soċjeta' intimata, ġie miftiehem li tiġi trattata mill-partijiet u deċiża mill-Qorti l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata, ossija dik indikata fil-para 2 tal-eċċezzjonijet tagħha, li tikkonsisti f'eċċezzjoni ta' inkompetenza 'rationae loci'.

6. Rat illi fit-3 ta' Marzu 2021, l-abbli difensuri tal-partijiet ittrattaw fid-dettal u b'mod studjat tali eċċezzjoni, wara liema trattazzjoni l-kawża tħalliet għal-lum għal deċiżjoni ta' dina l-Qorti dwar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata.

**Fatti tal-Każ**

7. Jirriżulta li s-soċjeta' rikorrenti hija soċjetà bbażata f'Malta li toffri servizzi ta' bejgħ u kiri ta' proprjetà tramite d-ditti "Quicklets" u "Zanzi Homes". Is-soċjeta' rikorrenti inkarigat lis-soċjeta' intimata sabiex tipprepara xogħol ta' software għas-soċjeta' rikorrenti. Għalhekk, jirriżulta li sar ftehim kontrattwali, ftehim ta' appalt, il-ftehim eżebit Dok A, fejn tirriżulta lista tax-xogħolijiet pattwiti bejn il-partijiet.

8. Jirriżulta, li s-soċjeta' intimata inkarigata bix-xogħolijiet pattwiti fil-ftehim bejn il-kontendenti, hija bbażata u rreġistrata f'Għawdex fl-indirizz 106, Triq Franġisk Saver Sciortino, Nadur (Għawdex).

9. Sussegwentement, fl-iskadenza tad-data li fihom kellhom jitlestew ix-xogħolijiet pattwiti, ossija fl-1 ta' Frar 2018, ġie ffirmat kuntratt ta' appalt ieħor, *software supply agreement*, datat 12 ta' Ġunju 2018, eżebit bħala Dok B.

10. Is-soċjeta' rikorrenti, permezz tal-azzjoni odjerna, qed tikkontendi li x-xogħolijiet pattwiti ma sarux skont il-ftehim u qed titlob li s-soċjeta' intimata tirrestitwixxi l-ammont imħallas ta' €44,889, oltre` l-likwidazzjoni tad-danni allegatament sofferti.

11. Is-soċjeta' intimata, da parte tagħha, apparti difiża, ressqet ukoll kontro talba fejn talbet li s-soċjeta' Znoto twaqqfet milli tikkonkludi l-obbligazzjonijiet tagħha mis-soċjeta' rikorrenti li tfew is-servers, u b'hekk waqqfet l-aċċess lis-soċjeta' Znoto. Konsegwentement, is-soċjeta' intimata tramite l-kontro talba qed titlob li s-soċjeta' attriċi rikonvenuta tħallas il-bilanċ dovut fl-ammont ta' €53,000, oltre` danni allegatament sofferti.

**Konsiderazzjonijiet Legali**

12. Din is-sentenza hija limitata għall-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' intimata, indikata f'paragrafu tnejn tal-eċċezzjonijiet, fejn ġiet eċċepita l-inkompetenza *rationae loci* stante illi ppermettiet li l-kawża odjerna kellha tiġi istitwita fil-Qorti tal-Maġistrati f'Għawdex (Ġurisdizzjoni Superjuri), peress li s-soċjeta' intimata għandha s-sede prinċipali tagħha f'Għawdex, ossija 106, Triq Franġisk Saver Sciortino, Nadur (Għawdex), hekk kif ikkonfermat mal-Malta Business Registry.

13. Għalhekk, is-soċjeta' intimata qed tikkontendi, li ladarba jirriżulta minn Dok ZN1, eżebit fl-atti, li s-soċjeta' intimata hija reġistrata f'Għawdex ai termini tal-

Artikoli 50 u l-Artikolu 741(c) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-proċedura odjerna kellha tiġi eżegwita f'Għawdex.

14. Permezz ta' din l-eċċezzjoni, is-soċjeta' intimata qed teċċepexxi l-*privilegium fori* u din il-Qorti ser telenka l-prinċipji li jsawru din l-eċċezzjoni.

15. Jingħad fl-ewwel lok, li l-**Artikolu 50(1) tal-Kap 12** tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi:

> "*…il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)… hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' kull pretensjoni kontra l-persuni li joqogħdu jew li għandhom ir-residenza tagħhom ordinarja fil-Gżira ta' Għawdex jew ta' Kemmuna, kif ukoll ta' dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom dik il-Qorti.*"

16. L-**Artikolu 741(c) tal-Kap 12** tal-Liġijiet ta' Malta jistipula:

> "*L-eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti tista' tingħata……meta huwa mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem Qorti partikolari.*"

17. Minn dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi, l-liġi tikkonċedi d-dritt lill-persuni residenti f'Malta jew Għawdex li meta jitħarrku bħala konvenuti, huma jissejħu quddiem il-Qorti li tinsab fil-gżira fejn jgħixu. L-istess prinċipju naturalment japplika għal persuni legali li għandhom l-uffiċċju tagħhom reġistrat fi gżira partikolari. Infatti l-**Artikolu 767 tal-Kap 12** tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk:

> "*Il-benefiċċju msemmi fl-Artikolu 74 (c) hu mogħti lill-persuni li joqogħdu fil-gżira ta' Malta rigward il-Qrati ta' dik il-gżira, u lil dawk li joqogħdu fil-gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna rigward il-Qorti ta' dawk il-gżejjer.*"

18. Iżda, kif enunċjat fil-ġurisprudenza tal-Qrati Tagħna, l-*privilegium fori* ossija l-privileġġ fuq imsemmi jispiċċa fl-istanzi li ġejjin:

    a) Meta l-għadd tal-konvenuti li jgħixu Malta u Għawdex huwa ndaqs, u dan a tenur tal-Artikolu 769 tal-Kap 12.

    b) Meta l-obbligazzjoni li abbażi tagħha ġiet intavolata l-kawża għandha, skont il-ftehim, tiġi eżegwita fi gżira partikolari, u dan a tenur tal-Artikolu 770 tal-Kap 12.

    c) Meta jkun hemm rinunzja għalih mill-persuna li għandha jedd għalih, u dan a tenur tal-Artikolu 772 tal-Kap 12.

19. Applikati dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi għall-każ ta' llum, jirriżulta li s-soċjeta' konvenuta għandha l-indirizz tagħha f'Għawdex, f'106, Triq Franġisk Saver Sciortino, Nadur (Għawdex), li huwa l-indirizz li fih jirriżulta li saret in-notifika lis-soċjeta' konvenuta, u kif ukoll fejn hija reġistrata s-soċjeta' Znoto Limited, kif jidher ikkonfermat mal-Malta Business Registry Dok ZN1 eżebit. L-evidenza tas-soċjeta' konvenuta tistabbilixxi dan. B'hekk, huwa paċifiku li s-sede ta' din is-soċjeta' tinsab ġewwa Għawdex.

20. Għalkemm is-soċjeta' intimata qajjmet l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori*, hekk kif sottolineat fit-trattazzjoni ta' dan il-każ, hemm l-eċċezzjoni għar-regola, kif fuq ġia indikati, li joħorġu mill-Artikolu 770 tal-Kap 12 u f'każ li japplika l-artikolu 770 tal-Kap 12 suċitat, il-konvenut ma jibqagħlux aktar id-dritt li jinvoka l-benefiċċju li jiġi mħarrek quddiem Qorti partikolari. Fil-każ **Gorg Vella noe et vs Rev. Charles Cini** deċiż fis-16 ta' Frar 2001, ġie ribadit li l-prinċipju ewlieni li dejjem ġie segwit mill-Qrati tagħna huwa illi, fejn in-negozju ġuridiku fil-parti preponderanti tiegħu, kellu jiġi eżegwit fi gżira partikolari, il-Qrati ta' dik il-gżira għandhom kompetenza li jisimgħu u jiddeċiedu l-kawża.

21. Dan jinsab affermat fil-ġurisprudenza nostrana fejn fil-każ **Alfred Cremona et vs Vanda armla Bradshaw** deċiża fl-20 ta' Mejju 1994 mill-Qorti tal-Appell (Kollez. Vol. LXXVIII.II.162) ġie ritenut:

> "*L-Artikolu 50 (1) tal-Kapitolu 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Maġistrati għal Għawdex hi kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' kull pretensjoni kontra l-persuni li joqogħdu jew li għandhom ir-residenza odjerna tagħhom fil-gżira ta' Għawdex jew Kemmuna, minn dawn il-provvedimenti u minn artikoli oħra relevanti fl-istess Kapitolu 12, jirriżulta illi l-kompetenza hija determinata mir-residenza tal-konvenut f'kawża bl-eċċezzjoni tal-każ li l-kawża tkun dwar l-obbligazzjoni li skont il-ftehim relattiv kellha tiġi eżegwita fi gżira partikolari (ara Artikolu 770 – Kapitolu 12).*"

**Konsiderazzjonijiet Fattwali**

22. Jirriżulta li fil-każ odjern, kien hemm ftehim kontrattwali bejn il-partijiet datat 25 ta' Mejju 2017, li huwa l-kuntratt ta' appalt eżebit bħala Dok A (fol 7) mar-rikors promotur, sabiex is-soċjeta' intimata tforni x-xogħolijiet pattwiti u miftehma bejn il-partijiet, kif elenkati fit-'*Task Description*' ta' dak il-kuntratt. Sussegwentement, kien ġie ffirmat kuntratt ieħor magħruf bħala '*software supply agreement*', datat 12 ta' Ġunju 2018 eżebit bħala Dok B (fol 21) mar-rikors promotur. Fil-kuntratt tat-12 ta' Ġunju 2018, jingħad hekk fi Klawsola ħamsa (5):

> "*The Company shall use all reasonable endeavours to deliver the Software to the Site and install the Software by the date set out in the company quotation or as soon thereafter as is possible. For the avoidance of doubt, the parties declare that the company has already*

> *designed and delivered a considerable part of the works agreed upon, and the client confirm that such works are in conformity with their agreement."*

Inoltre`, kif verbalizzat fil-verbal datat 12 ta' Jannar 2021, ġie rilevat "*li s-soċjeta' rikorrenti hija soċjeta' Maltija u x-xogħolijiet li huma mertu tal-kawża odjerna saru għas-soċjeta' Maltija li għandha uffiċċju ġewwa Malta*". Ġie rilevat ukoll, li s-soċjeta' intimata da parti tagħha "*hija rreġistrata ġewwa Għawdex u x-xogħol ta' Software development sar ġewwa Għawdex*".

23. Jiġi osservat, li l-każ odjern, mhuwiex il-każ klassiku ta' kuntratt ta' appalt fejn jista' immedjatament jiġi verifikat li x-xogħol ikun ġie eżegwit f'fond partikolari. Għalhekk, huma relevanti s-sottomissjonijiet tal-partijiet fit-trattazzjoni tal-każ.

24. L-avukat tas-soċjeta' konvenuta, sostna li jrid jiġi kkunsidrat fejn tinsab is-soċjeta' konvenuta u fejn hija reġistrata. Ġie sostnut ukoll, da parti tas-soċjeta' konvenuta li kif stipulat fil-kuntratt Dok A fil-klawsola 4.3, il-laqgħat bejn il-partijiet speċifikament għal dan il-kuntratt ta' appalt saru kollha permezz tas-servizz ta' video conferencing *Skype* u l-korrispondenza bejn il-partijiet saret tramite emails, u dana proprju biex is-soċjeta' konvenuta ma tinżilx Malta waqt l-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet pattwiti, li jikkonferma li x-xogħol sar kollu minn Għawdex. Inoltre`, ġie rilevat mill-avukat tas-soċjeta' konvenuta, li dan il-każ, huwa każ partikolari, stante li t-tip ta' xogħol pattwit fil-kuntratt bejn il-kontendenti, huwa xogħol ta' software u ta' development, b'hekk ma jistax jiġi marbut ma' post partikolari.

25. L-avukat tas-soċjeta' konvenuta rrefera wkoll għall-każ **John Mary Grima et vs Francis Cutajar** (80/2011/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Jannar 2013, f'liema każ ġie ritenut li t-tlett eċċezzjonijiet għall-*privilegium fori* huma eżawrenti. Għalhekk, l-argument tal-avukat tas-soċjeta' konvenuta huwa ppernjat fuq il-fattur li skont hu, ma jirriżultax li hemm l-ebda minn dawn l-eċċezzjonijiet għall-*privilegium fori*, b'hekk qed jikkontendi li l-Qorti ta' Għawdex għandha tiddeċiedi dan il-każ.

26. Minn naħa l-oħra, l-avukat difensur tas-soċjeta' attriċi sostna li huwa relevanti u importanti l-Artikolu 770 tal-Kap 12 sabiex jiġi determinat liema Qorti għandha tiddeċiedi l-każ. Ġie speċifikat li l-obbligazzjonijiet kuntrattwali pattwiti f'dan il-każ jikkonċernaw eżekuzzjoni ta' *development software*. Minkejja dan, ġie sostnut mill-avukat tas-soċjeta' attriċi, li għalkemm il-laqgħat kollha saru permezz ta' skype, jekk ikun hemm problema fix-xogħol eżegwit, l-uffiċċju li kellu jiġi fornit bis-software jinsab f'Malta. Għalhekk, is-soċjeta' attriċi qed tikkontendi li nonostante l-mod u fejn kif eżegwit ix-xogħol, ix-xogħol kellu jitwettaq għall-benefiċċju tas-soċjeta' attriċi f'Malta. L-avukat tas-soċjeta' attriċi rrefera wkoll għal premessa numru 21 tar-risposta tas-soċjeta' konvenuta, fejn jingħad, li s-software ipprovdut lis-soċjeta' attriċi mis-soċjeta' konvenuta kien kontinwament preżenti fuq is-servers tas-soċjeta' attriċi stess, fejn kellhom aċċess għalih

mingħajr ebda ostakolu, għalhekk dan ifisser li s-*software* kien jeżisti fl-uffiċini tas-soċjeta' attriċi f'Malta.

27. Din il-Qorti tqis, li f'dan il-każ mhuwiex biss importanti li jiġi kkunsidrat fejn tinsab is-soċjeta' konvenuta u fejn hija reġistrata, iżda dan irid jitqies ukoll fid-dawl tal-Artikolu 770 tal-Kap 12, fejn irid jiġi meqjus fejn kellhom jiġu eżegwiti l-obbligazzjonijiet kuntrattwali pattwiti skont il-ftehim, jekk huwiex fi gżira partikolari.

28. Il-Qorti tosserva illi huwa minnu li n-natura tal-obbligazzjonijiet kontrattwali pattwiti f'dan il-każ għandhom natura partikolari, iżda huwa imperattiv li finalment is-soċjeta' attriċi ser tgawdi minn dan il-prodott fl-uffiċċji f'Malta u x-xogħol kollu eżegwit skont il-klawsoli kuntrattwali miftehma qed jitwettaq sabiex ikun preżenti fl-uffiċċji tas-soċjeta' attriċi li hija Maltija u li għandha l-uffiċċji f'Malta.

29. Huwa ċar, mis-sottomissjonijiet tal-partijiet kif ukoll mid-dokumentazzjoni eżebita mill-partijiet sa issa, illi s-software kien qed jiġi żviluppat għal fuq is-servers tas-soċjeta' rikorrenti, liema servers kienu jinsabu ġewwa l-uffiċċini tas-soċjeta' rikorrenti f'Malta.

30. Huwa ċar ukoll illi mingħajr aċċess għal tali servers, is-soċjeta' intimata ma setgħetx tkompli bix-xogħol tagħha, tant illi jirriżulta, fil-kontro talba tas-soċjeta' intimata, illi meta s-soċjeta' rikorrenti għalqet l-aċċess lis-soċjeta' intimata għas-servers taghha, s-soċjeta' intimata ma setgħetx tkompli tagħmel ix-xogħol tagħha – indikazzjoni ċara illi x-xoghol kien qiegħed fuq is-servers tas-soċjeta' rikorrenti f'Malta, għalkemm b'mod *remote* mill-uffiċini tas-soċjeta' intimata f'Għawdex – għaldaqstant, japplika dak pprovdut fl-Artikolu 770 tal-Kap 12, u la darba x-xogħol kellu jiġi eżegwit fuq servers tas-soċjeta' rikorrenti, ġewwa Malta, il-*privelggium fori* pretiż mis-soċjeta' intimata jispiċċa.

31. Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, din il-Qorti mhijiex ser takkolji t-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjeta' Znoto Limited.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tiċħad l-Eċċezzjoni** preliminari dwar l-inkompetenza 'rationae lochi' ta' dina l-Qorti mqajjma mis-soċjeta' intimata għar-raġunijiet spjegati.

Konsegwentement, tordna l-prosegwiment tal-każ fil-mertu.

**L-ispejjeż** jiġu deċiżi mas-sentenza finali.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur